# Direttorat għas-Saħħa Ambjentali

servizz pubbliku

## MIN AĦNA

Id-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali jippromwovi u jipproteġi l-benesseri u s-saħħa tal-pubbliku mill-effetti ambjentali avversi. Is-Saħħa Ambjentali tinkludi dawk l-aspetti tas-saħħa u l-mard tal-bniedem li huma determinati minn fatturi fl-ambjent. Id-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali twaqqaf f'Settembru 2007 taħt it-tmexxija tad-Direttur tas-Saħħa Ambjentali. Matul l-2010, l-isem inbidel għal Direttorat tas-Saħħa Ambjentali. Id-Direttur imexxi programmi li jippromwovu l-kisba tal-ogħla standards ta' saħħa pubblika u iġjene billi jindirizzaw fatturi ta' riskju assoċjati ma' perikli ambjentali. Id-Direttur huwa responsabbli biex jipproteġi s-saħħa u l-benesseri tal-pubbliku permezz tal-infurzar tal-leġiżlazzjoni ta'-Unjoni Ewropea, leġiżlazzjoni Nazzjonali, u internazzjonali. Id-Direttur jagħti direzzjoni lis-sezzjonijiet tas-Saħħa Ambjentali, l-Ispettorat tas-Saħħa, u l-Laboratorju tas-Saħħa Pubblika u jiżgura li s-servizzi fi ħdan id-direttorat qed joperaw skont il-politika, l-istrateġija, ir-regolamenti, u l-istandards tal-Ministeru.

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2, Standards għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Pubbliku u l-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab fil-ħolqa li ġejja: *https://environmentalhealth.gov.mt/servizzi/*

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

Nipprovdu informazzjoni speċifika, ċara, u ħielsa minn lingwaġġ tekniku. L-informazzjoni kollha tingħata kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Aħna nimpenjaw ruħna li nwieġbu l-mistoqsija tiegħek fi żmien jum 1 tax-xogħol, jew skont il-perjodi ta' żmien stipulati fid-Direttiva 4-2.

### Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'korteżija u rispett.

### Meta żżur l-Uffiċċji tagħna

L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Il-ħin ta' stennija se jkun ta' madwar 5 minuti f'ċirkustanzi normali.

### Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien 1 jum tax-xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

### Appuntamenti

Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien 1 jum tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun fi żmien 1 sa 5 ijiem tax-xogħol mid-data tat-talba. Madankollu, appuntamenti jistgħu jiddependu minn listi ta' stennija tad-Dipartiment u talbiet urġenti li jistgħu jingħataw prijorità.

## RESPONSABBILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: Jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'korteżija u rispett. Iżommu mal-ħinijiet u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

## AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn: *https://environmentalhealth.gov.mt/ikkuntattjana/*
- Permezz tas-servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq *Issottometti ilment*

Il-kunfidenzjalità tiegħek tkun garantita. Tirċievi l-feedback tagħna fi żmien 20 jum tax-xogħol.

## KIF TIKKUNTATTJANA

- Direttorat għas-Saħħa Ambjentali, Continental Business,Triq il-Ferrovija, Sta Venera, SVR 9018, Malta
- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa, Xitwa: 07:30-15:30; Sajf: 07:00-15:00: Sibtijiet, Ħdud u Festi Pubbliċi : Magħluqa
- *https://environmentalhealth.gov.mt*
- Sabiex jiġi ffaċilitat il-kuntatt mal-uffiċċju: *admin.ehd@gov.mt; complaints.ehd@gov.mt* - +356 2095 4000
- Permezz tal-midja soċjali: